MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 33/2008

Teresina sive Theresa Cassar u zewgha Alex Cassar ghal kull interess li jista' ghandu, f'isimhom proprju u ghan-nom ta' uliedhom minuri Jessica Cassar u Kelly Cassar

Vs

Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-atturi fis-7 ta' April 2008 li permezz tieghu ppremettew li:-

Illi l-attrici Teresina Cassar twieldet fit-22 ta'April 1970 u t-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex permezz ta' l-att ta' twelid numru mija u dsatax (119) tas-sena elf disgha mija u sebghin (1970).

Illi l-att tat-twelid m'huwiex korrett ghaliex il-kolonna ntestata "Isem il-Wild", l-isem jidher bhala "Theresa" meta fil-fatt dan kellu ikun "Teresina".

L-attrici zzewget fit-22 ta' April 1989 lill-attur Alex Cassar u dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex permezz ta' Att taz-Zwieg numru ghoxrin (20) elf disa' mija u disgha u tmenin (1989).

Dan l-att ta' zwieg hu skorrett ghaliex il-kolonna ntestata 'isem u kunjom', l-isem u kunjom tal-mara jidher bhala "Theresa Zammit" meta dan il-fatt kellu jkun "Teresina Zammit".

Fid-9 ta' Frar 1990 l-atturi twelditilhom bint bl-isem ta' Jessica liema twelid gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex permezz ta' l-att ta' twelid numru mija u sitta (106) tal-elf disgha mija u tnejn u disghin (1992).

Dan l-att tat-twelid m'huwiex korrett ghaliex fil-kolonna ntestata "Isem u Kunjonm u Post tat-Twelid ta' l-Omm", l-isem ta' l-omm jidher bhala "Theresa Cassar" meta dan fil-fatt kellu ikun "Teresina Cassar".

Nhar it-8 ta' April 1994 twieldet lill-atturi tifla bl-isem ta' Kelly liema twelid gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex permezz ta' l-Att tat-Twelid numru mija u sitta u erbghin (146) tas-sena elf disgha mija u disgha u erbghin (1949).

Dan l-att tat-twelid tal-minuri Kelly hu skorrett peress li fil-kolonna ntestata "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm", l-isem ta' l-omm jidher bhala "Theresa Cassar" meta dan fil-fatt kellu ikun "Teresina Cassar".

Illi l-atturi jridu illi ssir korrezzjoni f'dawn l-erba' atti, tlieta tat-twelid u wiehed taz-zwieg billi kull fejn jirrikorri l-isem Theresa Cassar jigi mibdul u sostitwit bl-isem Teresina.

Fil-fatt l-attrici dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' Teresina u qatt ma kienet maghrufa bhala Theresa. Anke fic-certifikat tal-maghmudija u tal-grizma mahrug mill-

parrocca tal-Gharb, Ghawdex l-attrici hi registrata bhala Teresina u mhux Theresa.

Din l-anomalija fl-isem qed tohloq diversi diffikultajiet lill-attrici u trid li ssir korrezzjoni.

Talbet ghalhekk l-attrici sabiex il-Qorti tordna lill-konvenut biex:-

1. Tiddikjara li l-att tat-twelid numru mija u dsatax (119) tas-sena elf disgha mija u sebghin (1970) fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex relattiv ghat-twelid tal-attrici Teresina Cassar xebba Zammit hu skorrett fis-sens fuq spjegat.

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru mija u dsatax (119) tas-sena elf disgha mija u sebghin (1970) relattiv ghat-twelid ta’ Teresina Cassar xebba Zammit billi kull fejn fl-isemmi att hemm l-isem “Theresa” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Teresina”.
3. Tiddikjara li l-att taz-zwieg numru ghoxrin (20) tas-sena elf disa’ mija u tmenin (1980) relattiv ghaz-zwieg ta’ l-atturi hu skorrett f’sens fuq spjegat.

4. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta’ l-att taz-zwieg numru ghoxrin (20) tas-sena elf disgha mija u tmenin (1980) billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem “Theresa” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Teresina”.

5. Tiddikjara li l-att tat-twelid numru mija u sitta (106) tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghajn (1992) relattiv ghat-twelid ta’ bint l-atturi huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

6. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta’ l-att numru mija u sitta (106) tas-sena elf disa’ mija tnejn u disghin (1992) relattiv ghat-twelid ta’ bint l-atturi Jessica billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem “Theresa” dan ghandu jigi sostitwit u miktub “Teresina”.

7. Tiddikjara illi l-att tat-twelid numru mija u sitta u erbghin (146) tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin

(1994) relattiv ghall-bint l-atturi Kelly, huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

8. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att numru mija u sitta u erbghin (146) tas-sena elf disgha mija erbgha u disghin (1994) relattiv ghal bint l-atturi Kelly billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri "Theresa" dan ghandu jigi sostitwit u miktub "Teresina".

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut fis-7 ta' Mejju 2008 (fol. 22) li biha ddikjara li mhux qieghed jopponi ruhhu ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat il-pubblikazzjoni li saret fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2008 (fol. 16).

Peress li t-talba tal-atturi jigu gustifikati u filwaqt li tiddikjara li isem l-attrici hu Teresina u mhux Theresa tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici u fl-istess waqt tordna li

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru mija u dsatax (119) tas-sena elf disgha mija u sebghin (1970) relattiv ghat-twelid ta' l-attrici Teresina Cassar xebba Zammit billi kull fejn fl-imsemmi att hemm l-isem "Theresa" dan ghandu jigi mhassar u sostitwit bl-isem "Teresina".

2. Tordna l-korrezzjoni ta' l-att taz-zwieg numru ghoxrin (20) tas-sena elf disgha mija u tmenin (1980) li gie celebrat fit-22 ta' April 1989 gewwa Gharb, Ghawdex billi kull fejn fl-imsemmi att hemm l-isem "Theresa" dan ghandu jigi mhassar u sostitwit bl-isem "Teresina".

3. Tordna l-korrezzjoni ta' l-att numru mija u sitta (106) tas-sena elf disgha mija tnejn u disghin (1992) relattiv ghat-twelid ta' bint l-atturi Jessica billi kull fejn fl-imsemmi att hemm l-isem "Theresa" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "Teresina".

4. Tordna l-korrezzjoni ta’ l-att numru mija u sitta u erbghin (146) tas-sena elf disa’ mija erbgha u disghin (1994) relattiv ghal bint l-atturi Kelly billi kull fejn fl-imsemmi att hemm l-isem “Theresa” dan ghandu jigi sostitwit bl-isem “Teresina”.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------